**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Ahmad Ilewi**

Numru: 33/2013

Illum 15 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ahmad Ilewi,** ta' tnejn u tletin (32) sena, iben Ali u Jouida nee' Kalaf Ali imwieled Homs is-Sirja, fl-1 ta' Dicembru 1980, u residenti fil-fond Flat 4, Camilleri Flats, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn limiti taz-Zebbug Ghawdex u detentur tal-Passaport Sirjan bin-numru 001459975, akkuzat talli nhar is-19 ta' Marzu 2013, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07.30hrs) fi Triq l-Ewropa, fir-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra fir-Rabat, Ghawdex;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Sef Alden Dag (ID No. 19664A);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb ghal Mohamed Sef Alden Dag (ID No. 19664A);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded lil Mohamed Sef Alden Dag (ID No. 19664A);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi tapplika l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza. Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika wkoll l-artiklu 383 tal-Kapitolu 9;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 85) datata 10 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Ahmad Ilewi biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Fl-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 338(dd); 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 412C u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 113), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-10 ta' Dicembru 2013, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelant.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, t-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi l-Qorti tinnota l-imputat huwa f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqughha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita' xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat

> b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, jghid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-Prosekuzzjoni u l-parti civili qablu li l-Qorti ma timponiex piena ta' prigunerija effettiva u dan wara l-obbligazjoni li saret mill-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli 214, 215 , 216, 338(dd); 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li fir-rigward tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet tikkundannah emmenda ta' tmienja u hamsin ewro (€58), fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni tikkundannah ghall-perijodu ta' tliet xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat l-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena (1) mil-lum fil-konfront ta' Mohamed Sef Alden Dag.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-esebiti kollha f'dan il-kaz.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**